MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003

Numru 539/2003

**Artikoli 268, 26(a), 293, 294 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**
**V**

**SPIRU MANICARO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SPIRU MANICARO** ta' wiehed u hamsin sena bin il-mejjet Saviour u Annunzjata nee Schembri, imwieled Hal Tarxien nhar t-tlettax ta' Dicembru 1951 u residenti 49, Triq l-Annunzjata, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 06852M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrint a' Gunju 2003 u/jew fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara f'Hal Tarxien u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' disgha kaxxex kontenenti toys tal-marka Vidal Europe u oggetti tal-plastic ohra destinati ghal Meliton Group Limited, meta kien impjegat ma Azzopardi Transport, liema serq ma jeccedix l-elf lira maltin u liema serq huwa aggravat bil-persuna;

2. Talli minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, disgha kaxxi kontenenti toys tal-marka Vidal Europe u oggetti tal-plastic ohra ghad-detriment ta' Meliton Group Limited u diversi persuni ohra liema kunsinna giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; u

3. Talli xjentement laqa ghadu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li tkun indahal biex imexxihom jew jbieghhom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja datat erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2003, esibit fl-atti markata bhala dokument BZ 3.

Rat wkoll l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2003 esibit fl-atti markata bhala dokument BZ 4.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni dwar l-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li qed tirtira t-tieni akkuza.

Rat li t-tielet akkuza giet moghtija b'mod alternattiv ghall-ewwel akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u li r-res furtiva kollha tinstab f'idejn il-Prosekuzzjoni u tista tinghata liberament lil sidha legittimu.

Rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat fil-passat ikkommetta reati ta' portata zghira.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ssib lil imputat STEPHEN MANICARO hati tal-ewwel akkuza fuq ammissjoni tieghu istess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin li ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat jhallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin.**

**Ghar-rigward t-tieni akkuza il-Qorti tiddikjara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din t-tieni akkuza stante li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.**

**Ghar-rigward t-tielet akkuza il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati taghha u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------